MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 1281/2007/1

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonnici Ghaxaq**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici fis-6 ta’ Dicembru, 2007, li jaqra hekk:
“1. Illi hija proprjetarja tal-fond numru 115 Triq it-Teatru kantuniera ma’ numru 69 Triq il-Fran il-Belt Valletta, liema fond gie fil-pussess taghha mill-wirt taz-ziju taghha l-Markiz Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq li miet fit-8 ta'

Jannar 1988 u li ddispona mill-gid tieghu b'diversi testmenti segrieti li jinsabu pubblikati fl-atti tan-nutar Dottor Victor John Bisazza tat-28 ta' Jannar 1988 *(hawn annessa bhala Dokument A),* u r-rikorrent giet immessa fil-pussess tal-legati lilha mhollija, fosthom l-imsemrni fond, b'att tal-istess nutar Dottor Victor John Bisazza tas-26 ta' Marzu 1990, kif ukoll halla l-istess legatarja tieghu kull dritt lilha spettanti kontra l-Gvem ta' Malta u naxxenti mit-tehid ta' l-istess fond taht titolu ta' pussess u uzu *(Immissjoni fil-pussess hawn annessa bhala Dokument B);*

“2. Illi b'dikjarazjoni ppublikata fil-gazetta tal-Gvern tal-25 ta' Frar 1958 l-allura gvernatur ta' Malta kien iddikjara li l-fond fuq imsemmi kien mehtieg ghal skop pubbliku skont d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha kellu jkun ghal pussess u uzu ghal dak iz-zmien li l-bzonnijiet tal-iskop pubbliku jitlob *(Dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dokument C);*

“3. Illi nonostante din id-dikjarazzjoni il-Gvern ta' Malta baqa’ ghal zmien twil ta' snin ma ghamel l-ebda uzu rninn din il-proprjeta` ghalkhemm hada fil-pussess tieghu u halla l-fond jiddeterjora u jaqa fis-stat ta' dilapidazzjoni;

“4. Illi fis-27 ta' Awissu 1974 il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lil aventi kawza tar-rikorrenti sabiex dana jikkonsenja c-cwievet tal-fond lill- intimat Kummissarju tal-Artijiet billi d-dipartiment tax-xoghlijiet pubblici kienu ser jibdew ix-xoghol fuq il-fond.

“5. Illi l-intimati, minghajr il-permess u kontra r-rieda tal-aventi kawza tar-rikorrenti u minghajr ma segwew il-proceduri rikjesti mill-ligi, qabdu u dahlu fil-fond fuq imsemmi u gharnlu xoghol fih;

“6. Illi sussegwentement l-intimati bdew proceduri sabiex tigi stmata 1-*acquisition rent* dovuta lir-rikorrenti, liema *acquisition rent* offerta lir-rikorrenti giet irrifjutata u l-proceduri ghad-determinazzjoni ta' liema baqghu pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg tal-Artijiet sad-data f’liema l-fuq imsemmi tehid gie ddikjarat illegali;

“7. Illi l-intimati susegwentement allokaw I-fond ad uzu kummercjali ta' terzi u l-fond qatt ma gie verament uzat ghall-interess pubbliku ghal liema skop il-fond kien ittiehed;

“8. Illi dawn il-fatti gabu li fil-konfront tar-rikorrenti gew violati d-drittijiet ghad-tgawdija tal-proprjeta` taghha, ghal-dritt tas-smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli u d-dritt tan-non diskriminazzjoni;
“9. Illi in oltre l-kumpens li gie lilha offert ghall-kontinwat pussess tal-fond kien wiehed irrizorju u bl-ebda mod ma kien jirrifletti l-valur ekonomiku tal-istess fond;
“10. Illi b’rikors numru 537-1996 AJM fl-ismijiet hawn fuq premessi pprezentat mir-rikorrenti fl-14 ta’ Marzu 1996 ir-rikorrenti kienet talbet, wara li ppremettiet dan li nghad aktar hawn fuq, li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li dawn il-fatti u n-partikolari bil-kontinwata detenzjoni tal-fond fuq imsemmi taht titolu ta’ pussess u uzu kienu qed jigu lezi d-drittijiet fondamentali taghha kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll mill-artikoli 6, u Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u talbet ghalhekk li dik il-Qorti tiddikjara irritu u null l-imsemmijja detenzjoni tal-istess fond taht titolu ta' Pussess u Uzu u li taghtiha dawk ir-rimedji li jidrilha opportuni inkulzi d-dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem, dwar dawk il-partijiet tal-ligi li tippermetti l-kontinwata detenzjoni tal-fond fuq imsemmi taht titolu ta' Pussess u Uzu, senjatament l-artikolu 19.1 tal-Kap 88 u li tillikwida favur l-istess rikorrenti dawk id-danni li hija soffriet bit-trattament illegali kif fuq inghad;
“11. Illi b'sentenza tat-8 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi *(hawn annessa bhala Dokumnet D)* l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet billi rriformat s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Jannar 1999 billi **kkonfermatha fejn iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958 u ordnat li l-fond 115 Triq it- Teatru kantuniera ma’ 69 triq l-Ifran il-Belt Valletta jigi rrilaxxjat favur ir-rikorrenti (bil-precizazzjoni li l-vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel protokol tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzjonalita` u bilanc kif aktar il-fuq spjegat f'dik is-sentenza) kif ukoll fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 14 tal-konvenzjoni Ewropea, u hassritha u rrevokatha fil-bqija; u rriservat lir-rikorrenti kull dritt**

**lilha spettanti ghall-okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta` in kwistjoni fuq il-medda taz-zmien;**

“12. Illi wara din is-sentenza r-rikorrenti interpellat b'ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2007 *(hawn anessa bhala Dokument E)* lil intimati sabiex jaddevjenu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha sofferti fie-cirkostanzi hawn fuq premessi;

“13. Illi r-rikorrenti ukoll irrikorriet quddiem din il-Qorti biex il-Qorti tirriappunta, tisma’ u tiddeciedi t-talba taghha ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kontenuta fir-rikors fuq citat 537/1996 liema talba kienet ghadha ma gietx deciza min dik il-Qorti;

“14. Illi b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2007 din il-Qorti ddecidiet li thassar l-ordni ghar-riappuntament tal-kawza fuq imsemmijja u ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista tal-kawzi imqieghda ghas-smiegh stante li l-kawza kienet ga giet deciza, u l-kwistjoni tal-kumpens ma kellhiex tigi ddeterminata f'dawk il-proceduri stante r-riserva maghmula mill-Qorti Kostituzzjonali favur ir-rikorrenti *(Sentenza hawn annessa bhala Dokument F);*

“15. Illi minn din is-sentenza ir-rikorrenti qieghda tinterponi appell imma billi hija ghandha mteress li tigi kkumpensata ghall-okkupazzjoni tal-fond taghha tul medda ta' hamsin sena waqt li ghadha hajja u fiz-zmien ragionevoli, hija qeghda taghmel dawn il-proceduri sabiex din il-Qorti tkun tista’ minghajr dewmien izjed tghaddi ghal-likwidazzjoni ta' dak lilha dovut ghat-tehid tal-proprjeta` taghha tul dawn is-snin kollha liema tehid gia gie ddikjarat illegali mill-Qorti kostituzzjonali kif fuq inghad permezz tas-sentenza tat-8 ta' Jannar 2007, u dan minghajr pregudizzju ghall-appell li qed jigi minnha interpost mid-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2007;

“16. Illi jigi wkoll iddikjarat li tul il-perjodu kollu mit-tehid tal-fond fl-1958 taht it-titolu ta' Pusessu Uzu sa'llum l-intimati qatt ma hallsu sold kumpens ghal din l-okkupazzjoni illegali u abbusiva kif fuq inghad u nonostante li gew interpellati biex jghamlu dan bl-ittra ufficjali fuq imsemmija u baqghu bl-ebda mod ma ressqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lir-rikorrenti u li ghalhekk kellha ssir din it-talba;

"17. Illi r-rikorrenti nkarigat perit sabiex ifassal stima tal-kera li jgib il-fond fuq is-suq tul il-medda taz-zmien liema stima qieghda tigi debitament hawn annessa bhala dokument G; Illi inoltre f'kazijiet ta' tehid ta' proprjeta` taht titolu ta' xiri assolut il-Gvem ihallas skont il-ligi lil min jkun ittehidlu l-proprjeta` l-Hamsa fil-mija (5%) fis-sena fuq il-valur stabbilit bhala kumpens ghal dak it-tehid ghal perjodu kollu mid-data tat-tehid sad-data f'Iiema jithallas il-kumpens. U dan fir-rigward tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi ttratata b'mod differenti fil-likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti u dovuti lilha minn dawk li jithallsu lil sidien ohra li l-Gvern hallas talli hadilhom il-proprjeta` taghhom anke biex b'hekk ma tigix iddiskriminata bil-vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat ma' l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni;

"18. Illi inoltre, billi I-istess proprjeta` kienet id-dar tar-residenza tal-familja aventi kawza tar-rikorrenti, u in partikolari ta' zijuha l-Markiz Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq li spicca sfrattat minn daru u kellu jghix ma' qrabatu tul hajtu, tista' tghid kollha, d-danni li ghandhom jigu likwidati ghandhom jirriflettu t-tbatija u s-sofferenza li sofriet ir-rikorrenti u l-aventi kawza taghha minhabba dan l-agir illegali;

"19. Illi r-rikorrenti kienet bi spejjez kbar kostretta tixtri dar ghar-residenza taghha meta kellha disponibbili lilha, u dan skont id-decizjoni tal-istess Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007, palazz liberu fic-centru tal-Belt Valletta.

"20. Illi dan ir-rikors qieghed jigi ntavolat minghajr pregudizzju ghal danni ulterjuri li r-rikorrenti qieghda kulljum tigi mgieghla ssofri minhabba t-tehid tal-fond imsemmi mill-intimati abbazi tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta Nru 61 ppublikat fil-gazetta tal-Gvem tal-23 ta' Jannar 2007 Nru 18022 kif emendat b'avviz iehor Nru 74 datat 25 ta' Jannar 2007 fejn iddikjara li dan il-fond huwa mehtieg ghal skop pubbliku u li t-tehid tieghu ghandu jkun taht titolu ta' Dominju Pubbliku, u li fil-konfront taghhom ir-rikorrenti intavolat proceduri sabiex tali dikjarazzjoni tigi ddikjarata nulla u bla effett.

"**Jghidu ghallhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:**

"(1) tiddikjarhom responsabbili ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrrenti bhala konsegwenza tal-okkupazzjoni u uzu

minnghajr ebda titolu validu fil-ligi da parti tal-istess intimati tal-fond fuq imsemmi ghall-perjodu mill-25 ta' Frar 1958 sat-8 ta' Jannar, 2007, kif ukoll bhala konsegwenza tal-illegalita` tal-istess okkupazzjoni in vista tad-dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li t-tehid tal-proprjeta` fuq imsemmija mill-pussess taghha kien wiehed illegali u bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha kif protetti mill-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet fondamentali tal-Bniedem (l-ewwel skeda tal-kapitolu 318)

“(2) Tillikwida l-istess danni bhala, fost hwejjeg ohra, konsistenti fit-telfien ta' kera mgarrab rnir-rikorrenti bhala konsegwneza tal-agir fuq imsemmi da parti tal-intimati u f'dawk id-danni l-ohra li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-istess kawza, bl-imghax fuq l-ammonti dovuti mis-snin rispettivi tal-iskadenzi annwali sad-data tal-pagament effettiv u b'aggustament ghall-inflazzjoni tul il-medda tas-snin, u dan okkorendo anke b'opera ta' periti nominandi;

“(3) Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' jannar 2007, li ggib n-numru 120/07 u b'riserva ta' kull dritt ghad-danni ghall-okkupazzjoni ulterjuri tal-fond wara t-8 ta' Jannar, 2007, u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata li ressqu l-konvenuti li in forza taghha eccipew illi

“1. Preliminarjament, illi l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u ghandu jigi liberat mit-talbiet;

“2. Preliminarjament ukoll, in kwantu dina l-azzjoni qeghdha titlob id-diskussjoni mill-gdid ta' mertu li diga’ gie trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet *'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'* (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007 mill-Qorti Kostituzzjonali, u senjatament il-mertu rigwardanti l-konformita' ta' l-iskop ta' l-esproprju u ta' l-uzu tal-fond in kwistjoni

ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-azzjoni odjerna tikkozza ma' l-awtorita' ta' *res iudicata* stabbilita permezz ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007;

3. Preliminarjament ukoll, illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). L-attrici stess qieghdha tekwipara l-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja ma' delitt fit-termini tal-Kodici Civili u qieghdha titlob danni naxxenti minn delitt liema danni huma milquta mill-perijodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn minn meta gew sofferti d-danni. Dan irid jigi nterpretat ukoll fid-dawl illi l-azzjoni ghad-danni qieghdha tigi proposta f'dan l-istadju u cioe' wara d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 li diga tat rimedju lill-attrici ghall-vjolazzjoni tad-dritt taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta, f'liema decizjoni il-Qorti Kostituzzjonali ma hassitx illi kellha tillikwida l-ebda danni favur ir-rikorrenti izda tat rimedju, li fil-fehma tal-esponenti jmur oltre l-principju tas-separazzjoni tal-poteri, konsistenti fit-thassir ta' l-ordni tat-tehid tal-fond in kwistjoni b'pussess u uzu;

“4. Preliminarjament ukoll, l-inamissibilita' tat-talba attrici stante illi mhux ammissibbli illi ssir talba vaga bhal dik odjerna. L-attrici hija obbligata illi tispecifika x'danni fil-fatt soffriet u ma tistax semplicement tirreferi ghal danni li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“5. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti stante illi fid-dispozittiv tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet ‘*Agnes Cera de Petri Testajerrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et*' (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti rriteniet illi l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ma kienitx tirrigwarda l-iskop li ghalih kienet qieghdha tintuza l-proprjeta' izda kienet naxxenti biss mill-fatt illi l-istess rikorrenti kienet

qieghdha tigi mgieghla ggor piz sproporzjonat minhabba l-kera baxx. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalita' kien limitat ghall-ammont *ta'* kumpens offrut ghall-kontroll u l-uzu tal-proprjeta' liema ammont kien ferm inqas minn dak li abbazi tieghu l-fond issa gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku. Ghaldaqstant ma jsegwi bl-ebda mod illi meta il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Jannar 2007 iddikjarat bhala nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958 din id-dikjarazzjoni giet dikjarata nulla sa mill-25 ta' Frar 1958 izda l-interpretazzjoni korretta ta' dik is-sentenza hija fis-sens illi l-ordni tal-Gvernatur saret nulla *ex nunc* u cioe' mit-8 ta' Jannar 2007 mindu saret tali dikjarazzjoni u ma tistax tigi interpretata bhala dikjarazzjoni ta' nullita b'mod retroattiv li jestendi anke ghal zmien qabel l-inkorporazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-ligi Maltija u sahansitra qabel il-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza;

“6. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qeghdin jecepixxu, illi jekk ir-rikorrenti qeghda ssostni illi t-titolu ta' pussess u uzu spicca ghal kollox ,u gie qiesu qatt ma kien, permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat- 8 ta' Jannar 2007 , ir-rikorrenti tigi li ma ghadx ghandha d-dritt ghal ebda kumpens ghat-tehid b'pussess mu uzu. Di piu' hija ma ghandha l-ebda dritt illi titlob kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond *de quo* ghall-perijodu illi jirreferi ghall-perijodu qabel ma giet imessa fil-pussess tal-fond mill-eredi *tad-decujus* Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq. F'dan ir-rigward l-esponenti jecepixxu illi bl-imissjoni fil-pussess tal-fond, ir-rikorrenti ma akkwistat l-ebda dritt illi tippromwovi azzjoni ghall-danni bhal ma hi l-azzjoni odjerna stante illi d-dritt li inghata lir-rikorrenti kien 'kull dritt kontra il-Gvern ta' Malta naxxenti mit-tehid ta' dina d-dar'. Huwa car illi t-'tehid' li ghalih hemm referenza fl-immissjoni fil-pussess huwa t-tehid b' pussess u uzu (Di fatti l-artikolu rilevanti tat-testment sigriet ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq tat- 2 ta' Novembru 1987 jghid "din id- dar tinsab prezentement fil-pussess tal-Gvern taht it-titolu ta'

"pussess u uzu", u ghalhekk inhalli lill-imsemmija Agnese Gera de Petri kull dritt ukoll li jiena ghandi kontra l-Gvern ta' Malta naxxenti mit-tehid ta' din id-dar") u jekk issa qieghed jigi postolat illi dak it-tehid b' pussess u uzu ma sehhx izda li sehhu biss danni a skapitu tas-sid precedenti tad-dar, dik l-azzjoni ghad-danni in kwantu tirreferi ghall-perijodu ta' qabel ma l-attrici wirtet id-dar tispetta lill-eredi kollha ta' dak is-sid u mhux lill-attrici biss bhala legatarja tad-dar; Illi ghalhekk l-esponenti jecipixxu minghajr pregudizzju ghas-suespost illi in kwantu r-rikorrenti qieghdha tirreklama danni u mhux kumpens ghall-pussess u uzu, ir- rikorrenti qeghdha tirreklama dritt illi ma jispettax lilha skond it- testment ta' l-aventi causa taghha u skond it-termini ta' l-Att ta' l-Imissjoni fil-Pussess relattiv ghall-fond in kwistjoni;

“7. Illi l-esponenti qeghdin jecepixxu ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu diretti ghall-kisba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita' ghad-danni rizultanti minn allegata okkupazzjoni u uzu minghajr titolu huma wkoll infondati u dan a bazi tal-fatt illi l-esponenti kellhom titolu validu ta' pussess u uzu sa mill-25 ta' Frar 1958 liema titolu gie terminat fit-8 ta' Jannar 2007 stante d-difett imsemmi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat- 8 ta' Jannar 2007. Il-Qorti Kostituzzjonali ipprecizat illi "l-vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas to proporzjonalita' " u mhux nuqqas ta' interess pubbliku. Il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset l-uzu li kien qieghed isir mill-proprjeta' fejn l-istess Qorti ma eskludietx illi l-element kummercjali kien ha s-sopravvent fuq konsiderazzjonijiet ohra izda dan ma jfissirx illi proprjeta' privata ma tistax tittiehed sabiex ikunu promossi anke mill-privat, attivitajiet kummercjali li jkunu fl-interess pubbliku. Dan ifisser illi l-okkupazzjoni ma kienitx wahda illegali izda biss wahda diffettuza minhabba illi l-kumpens ma kienx adegwat. Il-Qorti Kostituzzjonali fl-ebda hin ma ppronunzjat illi l-okkupazzjoni kienet wahda illegali fiha nnifisha;

"8. Illi ma hemm l-ebda ness ta' kawzalita' bejn is-sejbien tan-nuqqas ta' proporzjonalita' tal-kumpens offrut u d-danni allegati mir-rikorrenti. Di piu' il-fond in kwistjoni kien wiehed illi qabel ma rrinovah il-Gvern kien residenzjali u mikri lil terz u ghalhekk il-kera pagabbli dwaru kien dak pagabbli skond il-ligi tal-kera. L-esponenti jipprecizaw illi hija inverosimili u assurda l-asserzjoni tal-Perit tar-rikorrenti fis-sens illi l-fond kien ser jinkera mill-gdid kull sena ghax il-ligijiet tal-kera in vigore ta' dak iz-zmien jirrikjedu t-tigdid tal-kera taht l-istess kundizzjonijiet;

"9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu wkoll illi l-kera ta' akkwist illi kienet giet offruta fil-25 ta' Frar 1958 kienet ai termini tal-Kap. 88 fejn fil-kaz fejn il-Gvern kien akkwista l-proprjeta' taht titolu ta' pussess u uzu, is-sid ikun intitolat illi jircievi l-kera ta' akkwist illi hija ekwivalenti *ghall-fair rent* stante illi l-fond mhux dekontrollabbli. Din *il-fair rent* kienet iffissata ghas-somma ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin (Lm 210) u dan a bazi ta' dikjarazzjoni mis-sid fil-31 ta' Marzu 1939;

"10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu illi l-azzjoni kif impostata mir-rikorrenti mhix kwistjoni ta' kawza ghad-danni izda hija kwistjoni ta' kontestazzjoni ta' kera ta' akkwist quddiem il-Bord kompetenti. Dan specjalment in vista tal-fatt illi ghad hemm pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet permezz ta' Rikors Numru 28/76 fl-ismijiet ' *Kummissarju tal-Art vs Alfto Testaferrata Bonici Ghaxaq'* fejn skond il-verbal ta' 1-10 ta' Ottubru 1996 il-Bord iddiferrixxa l-imsemmi Rikors *sine die* riappuntabbli wara li l-kawzi Kostituzzjonali fl-ismijiet *"[ensen et vs Kummissarju ta' l-Art'* (Rikors Nru. 543/96) u *'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'* (Rikors Nru. 537/96) ikunu ghaddew in gudikat. Ghalhekk il-kwistjoni ta' kemm huwa dovut kumpens lill-attrici ghat-tehid b'pussess u uzu mill-25 ta' Marzu 1958 sat- 8 ta' Jannar 2007 ghadha taqa' fil-kompetenza tal- Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet li l-kawza li saret quddiemu dwar l-istess kumpens ghadha m'hijiex mitmuma;

"11. L-esponenti jopponu l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi huma qatt ma offrew l-kera ta' akkwist lill-aventi kawza tar-rikorrenti u lir-rikorrenti u dan stante illi l-istess aventi kawza u rikorrenti rrendew dan il-hlas impossibli stante illi huma dejjem irrifjutaw tali hlas;
"12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna stante illi l-istess rikorrenti intavolat kontestwalment ma' dina l-azzjoni, appell mill-provvediment moghti fid-29 ta' Novembru 2007 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) illi effettivament jitratta l-kwistjoni ta' danni reklamati mir-rikorrenti. It-talba fil-kawza odjerna tikkontradici dak illi r-rikorrenti qieghdha tissottometti fir-Rikors tal-15 ta' Jannar 2007 fejn qed tallega illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 kien hemm id-difett ta' l-omissa decisione. Tapplika ghalhekk il-massima *qui allegans contraria nullum est audiendus* u din il-kawza ghalhekk hija irritwali u intempestiva stante illi tikkozza mat-talbiet maghmula mir-rikorrenti stess f'kawza ohra li ghandha pendenti;
"13. Illi l-mod kif ir-rikorrenti impostat u arginat l-azzjoni odjerna turi illi hija qed tipprova tirraggira d-decizjoni kemm tal-Qorti Kostituzzjonali u kemm tal-Prim' Awla Qorti Civili tad-29 ta' Novembru 2007 u dan sabiex tasal ghal ghan ahhari taghha illi timponi pressjoni fuq il-Gvern sabiex il-Gvern jigi kostrett jixtri l-fond b'titolu ta' xiri assolut f'ammont fenomenali illi qieghdha tippretendi r-rikorrenti u dan jirrizulta fi qliegh indebitu u esagerat lill-attrici u f'piz ingiust ghad-dannu ta' l-erarju pubbliku;

"14. Illi l-kaz odjern ma jirrigwardjax xiri ta' proprjeta' b'titolu ta' xiri assolut u in vista ta' dan il-fatt, l-argument tar-rikorrenti illi danni stabbiliti mill-ligi f'kazijiet ta' xiri assolut jestendu ghall-kaz odjern huwa argument li mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Fil-kaz odjern, il-Gvern kien qieghed jokkupa b'titolu ta' pussess u uzu f'liema eventwalita' japplika l-kumpens taht il-forma ta' kera ta' akkwist. Illi l-hlas ta' hamsa fil-mija (5%) danni huwa kriterju applikabbli

biss fil-proceduri ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghal xiri assolut quddiem il-Bord ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghal xiri assolut quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti qeghdha titlob kumpens ghall-okkupazzjoni ta' proprjeta`.

"15. L-esponenti jecepixxu wkoll illi l-kawza odjerna tirrigwardja branka ta' dritt ordinarju civili u mhux kawza straordinarja tad-drittijiet fundamentali u ghalhekk ir-riferenza ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti apparti illi diga` gew trattati u ezawriti fil-kawza kostituzzjonali bejn l-istess partijiet, ma jistghux jitqanqlu f'dina s-sede;

"16. L-esponenti jecepixxu illi qatt ma saru talbiet ghall-imghax u ghall-aggustament ghall-iflazzjoni, liema talbiet huma infondati fid-dritt. In oltre, l-attrici certament li ma tistax taghmel dawn il-pretenzjonijiet meta hija qatt ma ppretendiet tali ammonti qabel il-15 ta' Jannar 2007;

"17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
"18. Bl-ispejjez."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Gunju, 2010, li in forza taghha giet michuda it-tieni eccezzjoni preliminari tal-gudikat imqajma mill-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat li minn din is-sentenza ma tressaq ebda appell;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu, 2012, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li gej:

"**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Avukat Ġenerali** u ssib li hu m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi u għalhekk il-Qorti teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall- attriċi;

"**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi** u dan billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fil-liġi u għaliex l-azzjoni attriċi nfetħet fi żmienha;

"**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar l-improponibilita' tal-azzjoni attriċi** billi ma jirriżulta l-ebda ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 156 u 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-Kummissarju mħarrek għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-attriċi ġarrbet b'riżultat taż-żamma u l-użu mingħajr jedd min-naħa ta' terzi ta' ħwejjiġha, jiġifieri l-binja magħrufa bħala "*Palazzo Bonici*", f'numru 115 Triq it-Tejatru l-Qadim, kantuniera ma' 69, Triq l-Ifran, Valletta, għaż-żmien rilevanti sat-8 ta' Jannar, 2007, u għar-raġuni tal-istess okkupazzjoni kif stabilita b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 2007, fil-kawża fl-ismijiet premessi, liema okkupazzjoni ġabet ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-attriċi taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida l-ħsara mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' miljun mitejn u tlieta u tmenin elf u ħames mija u tmienja u tmenin ewro (€1,283,588) bħala kumpens lilha dovut għat-telf ta' użu tal-ġid tagħha u tal-awturi fit-titolu tagħha tul iż-żmien kollu msemmi;
"**Tikkundanna lill-Kummissarju mħarrek** iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' miljun mitejn u tlieta u tmenin elf u ħames mija u tmienja u tmenin ewro (€1,283,588), fuq liema somma għandu jgħaddi mgħax legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-istess imħarrek Kummissarju tal-Artijiet, billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

"**Tordna li** l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbuta mal-imħarrek Avukat Ġenerali, li għandha tħallashom l-attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija kawża għad-danni u għall-ħlas ta’ kumpens għal użu ta’ ġid tal-attriċi għal tul iż-żmien li kienet fis-seħħ dikjarazzjoni tal-Gvernatur dwar teħid b’titolu ta’ pussess u użu ta’ dak il-ġid. L-attriċi trid li l-imħarrkin jinsabu responsabbli lejha għad-danni kollha li hija (flimkien mal-awtur tagħha) ġarrbet minħabba l-effetti ta’ dik id-Dikjarazzjoni, għaż-żmien kollu li kienet fis-seħħ sa ma b’sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija f’Jannar tal-2007, kien deċiż li dik id-Dikjarazzjoni ma kinitx tiswa;

“Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b’eċċezzjonijiet kemm ta’ xejra preliminari u kif ukoll b’eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari kienu li (i) l-imħarrek Avukat Ġenerali m’huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, (ii) li, safejn l-azzjoni attriċi trid terġa’ tiftaħ mill-ġdid kwestjoni maqtugħa bis-sentenzi mogħtija fil-kawżi kostituzzjonali mressqin mill-istess attriċi, josta l-ġudikat, (iii) li f’kull każ, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u (iv) li l-azzjoni attriċi hija nulla għaliex hija vaga u l-attriċi ma tfissirx sewwa x’inhuma d-danni li tallega li ġarrbet bla ma tgħid fiex jikkonsistu. Fil-mertu, laqgħu billi, ċaħdu għal kollox il-pretensjonijiet tal-attriċi u qalu li d-dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kienet mibnija fuq il-piż sproporzjonat li l-attriċi kellha ġġor minħabba l-kera baxx, iżda dik is-sejba bdiet tgħodd minn dak inhar li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha u mhux b’effett b’lura. Ċaħdu wkoll li l-attriċi tista’ tfittex għad-danni ladarba l-attriċi nnifisha tqis li d-dikjarazzjoni li l-post kien ittieħed b’titolu ta’ pussess u użu kien intemm l-effett tagħha (bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali) qisu qatt ma kien. Min-naħa l-oħra, ladarba huma kellhom titolu tajjeb ta’ pussess u użu sa dak inhar li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha, l-attriċi ma tistax tfittixhom għad-danni, iżjed u iżjed ladarba ma hemm l-ebda rabta ta’ kawżalita’ bejn is-sejbien ta’ nuqqas ta’ proporzjonalita’ ta’ kumpens u d-danni allegati mill-attriċi. Tennew li meta l-post ġie f’idejhom, kien dar ta’ abitazzjoni u għalhekk, skond il-liġi kif kienet f’dak iż-

żmien, il-kera kien wieħed kontrollat u jiżdied biss kif permess mill-istess liġi, filwaqt li l-kera xieraq kien stabilit minn dikjarazzjoni magħmula mis-sid innifsu dak iż-żmien. Żiedu jgħidu li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda għal danni, imma waħda li tikkontesta l-kera ta' akkwist, liema kwestjoni jmissha titkompla tinstema' mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, li quddiemu għad hemm pendenti l-kawża 28/76, mibdija mill-awtur tal-attriċi u li kienet tħalliet tistenna l-eżitu tal-kawżi kostituzzjonali. Iqisu li l-mod kif l-attriċi ressqet din il-kawża juri li qiegħda tipprova ddur mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali biex torbot idejn il-Gvern ħalli ġġegħelu jixtri l-post b'titolu assolut b'talba għal prezz għoli li jissarraf fi qligħ mhux mistħoqq għall-attriċi u f'piż qawwi għall-erarju pubbliku. Għalhekk, ladarba l-attriċi trid li tingħata kumpens għall-okkupazzjoni tal-post tagħha, ma jgħoddx il-kriterju tal-ħlas ta' ħamsa fil-mija (5%) pretiż minnha, li jitħaddem biss fil-każ fejn post meħud mill-Gvern jinkiseb b'titolu assolut. Iwarrbu wkoll it-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' mgħaxijiet u ta' aġġustament għall-inflazzjoni;

"Illi b'sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju, 2010, l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma ntlaqgħetx;

"Illi bis-sentenza tallum, il-Qorti sejra tqis il-bqija tal-eċċezzjonijiet (preliminari u, jekk ikun il-każ, fil-mertu) u t-talbiet attriċi;

"Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attriċi hija sid ta' post fil-Belt Valletta li kien iġib l-isem ta' "*Palazzo Bonici*" u jinsab f'numru mija u ħmistax (115), Triq it-Tejatru l-Qadim, kantuniera ma' Triq l-Ifran, bil-bieb ewlieni jkun f'numru disgħa u sittin (69). Dan seħħ bis-saħħa ta' wirt ta' zijuha l-Markiż Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq[1], u ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ta' legat pubblikat f'Marzu tal-1990[2]. Dan il-bini jagħmel parti minn postijiet oħrajn imissu miegħu u li wkoll kienu ġid tal-awtur tal-attriċi;

[1] Dok "A", f'paġġ. 8 sa 31 tal-proċess
[2] Dok "B", f'paġġ. 32 – 6 tal-proċess

"Illi fit-3 ta' Mejju, 1941, il-post intlaqat waqt ħbit tal-għadu mill-ajru u ġġarraf f'biċċiet minnu. Dak iż-żmien, il-post kien jintuża bħala residenza fil-biċċa l-kbira tiegħu u mal-livell tat-triq kien jinkera bħala ħwienet. F'Jannar tal-1945, tressqu talbiet għall-kumpens minħabba t-tiġrif u l-ħsara mġarrba mal-Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Gwerra. Fejn mat-talbiet tressqu dokumenti li juru fiex kienu jikkonsistu l-ħsarat u t-tiswijiet meħtieġa, il-Kummissjoni awtorizżat il-ħlas[3]. Dan sar bejn l-1947 u l-1950. Fejn ma ntbagħatx tagħrif mill-applikant, il-Kummissjoni ma mexxietx jew għalqet il-*file*[4]. B'Dikjarazzjoni tal-Gvenatur ta' Malta maħruġa fil-25 ta' Frar tal-1958, il-Gvern akkwista l-imsemmi post b'titolu ta' pussess u użu[5]. Fl-1967, l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet fetaħ proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kontra l-awtur tal-attriċi għall-iffissar tal-kera xieraq tal-post;

"Illi minkejja d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, bejn l-1958 u l-1972 ma sar l-ebda użu mill-post u s-sid ipprova ma jitlaqx il-pussess[6]. Fl-1972, il-Gvern ordna d-dħul bi sgass fil-post u beda sensiela ta' xogħlijiet ta' tiswija, tibdil u titjib u inkorporat mal-binja tat-Tejatru Manoel[7]. Aktar 'il quddiem, il-post għadda f'idejn il-*Manoel Theatre Management Committee*, li huwa organu fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura u Edukazzjoni;

"Illi fl-1996, l-attriċi fetħet kawża għal ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u wkoll taħt il-Konvenzjoni minħabba dak it-teħid. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qatgħetha li seħħ ksur tal-jedd tal-attriċi taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, astjeniet milli tqis il-kwestjoni jekk l-attriċi kinitx ġarrbet ksur taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u rriżervat li tipprovdi dwar it-talba għall-kumpens fi stadju ulterjuri jekk iqum il-każ. Qalet ukoll li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar, 1958 kienet nulla u bla effett u ordnat ir-rilaxx tal-post favur l-attriċi.

[3] Ara paġġ. 230 sa 244 tal-proċess
[4] Paġġ. 245 sa 260 tal-proċess
[5] Dok "WDC7", f'paġ. 261 tal-proċess
[6] Ara paġ. 190 tal-proċess
[7] Affidavit Albert Mamo f'paġ. 227 – 8 tal-proċess

B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2007[8], il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat l-imsemmija sentenza safejn sabet li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur kienet bla effett, fejn ordnat li l-post ikun rilaxxat favur l-attriċi (wara li fissret li l-ksur li sabet taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kien jikkonsisti f'nuqqas ta' proporzjonalita' fil-piż li l-attriċi u l-awtur tagħha qabilha kellhom iġorru minħabba dak it-teħid), u fejn l-ewwel Qorti kienet astjeniet li tqis l-ilment taħt l-artikolu 14, iżda ħassritha u rrevokatha fil-bqija;

"Illi fil-11 ta' Jannar, 2007, l-attriċi talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament fil-konfront tal-Kummissarju mħarrek. It-talba ntlaqgħet dak inhar;

"Illi fil-15 ta' Jannar, 2007, l-attriċi ressqet talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għall-finijiet tal-artikolu 235 tal-Kap 12 biex terġa' tqiegħed il-kawża (kostituzzjonali) għas-smigħ ħalli tkun tista' tiddeċiedi wkoll it-talba tagħha għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija soffriet minħabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Dak inhar ukoll, hija ressqet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin biex tinterpellahom iroddulha l-post lura u biex iħallsuha l-kumpens xieraq għal tul iż-żmien kollu li l-post inżamm u ntuża minn ħaddieħor[9];

"Illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Jannar, 2007, il-post tal-attriċi ttieħed għal skop pubbliku taħt titolu ta' dominju pubbliku. Fit-22 ta' Marzu, 2007, qabel ma l-Mandat ta' Żgumbrament kien eżegwit, l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet ressaq talba biex il-Qorti tħassar l-imsemmi Mandat. B'degriet mogħti fl-10 ta' April, 2007[10], il-Qorti ma laqgħetx it-talba għat-tħassir tal-Mandat, imma ordnat li l-istess ma jkunx eżegwit "ħlief jekk u meta jkun hemm sentenza definitiva li tgħid illi ma jiswiex it-teħid tal-proprjeta' bis-saħħa tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Jannar, 2007". L-attriċi (eżekutanti f'dak il-mandat) appellat (u l-Kummissarju eżekutat ressaq ukoll appell inċidentali), imma bi

[8] Dok "D", f'paġġ. 38 sa 64 tal-proċess
[9] Dok "E", f'paġ. 65 tal-proċess
[10] Dok "AG1", f'paġġ. 143 – 9 tal-proċess

provvediment mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 2007[11], l-appelli ma ntlaqgħux;

"Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Novembru, 2007[12], it-talba tal-attriċi biex dik il-Qorti tqis il-kumpens dovut ma kinitx milqugħa. L-attriċi appellat minn dik is-sentenża.[13] Fis-6 ta' Diċembru, 2007, infetħet din il-kawża;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ billi tibda biex tqis l-eċċezzjonijiet preliminari li fadal u li dwarhom, s'issa, ma ngħata l-ebda provvediment;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni preliminari**, din trid li l-imħarrek Avukat Ġenerali jitqies li m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. L-imħarrek Avukat Ġenerali jibbaża din l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li l-ġudizzju huwa sħiħ bil-preżenza waħedha tal-imħarrek l-ieħor;

"Illi l-attriċi twarrab din l-eċċezzjoni u targumenta li l-azzjoni tagħha tinbena fuq it-tħassir tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li, minkejja li tinħareġ fuq deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet, iġġib il-firma tal-Kap tal-Istat u b'hekk tinvolvi lill-Gvern kollu. Għall-Gvern ta' Malta jidher l-imħarrek Avukat Ġenerali. Minbarra dan, l-istess imħarrek Avukat Ġenerali kien parti fil-kawża kostituzzjonali li bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fiha l-attriċi nstabet li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha u ordnat it-tħassir tad-Dikjarazzjoni, u għalhekk, ladarba din l-azzjoni hija l-konsegwenza diretta ta' dik is-sentenza, l-imħarrek postu f'din il-kawża biex iwieġeb huwa wkoll għall-pretensjonijiet tagħha ta' kumpens minħabba l-ksur ta' jedd fundamentali li ġarrbet;

"Illi l-Qorti tqis li l-eċċezzjoni hija tajba. Il-qofol tal-azzjoni attriċi huwa mibni fuq l-effetti tad-deċiżjoni meħuda fl-1958

[11] Dok "AG2", f'paġġ. 151 – 7 tal-proċess
[12] Dok "F", f'paġġ. 66 sa 88 tal-proċess
[13] L-appell tagħha ma ntlaqax b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29.2.2008

mill-Kummissarju tal-Artijiet ta' dak iż-żmien li jieħu l-post b'titolu ta' pussess u użu. Id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ma kenitx għajr il-konsegwenza formali ta' min kien ħa d-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-ġudizzju huwa sħiħ bil-preżenza tal-Kummissarju mħarrek waħdu. Dwar dan, il-Qorti tgħid ukoll li l-fatt li l-imħarrek Avukat Ġenerali kien ukoll intimat fil-kawża kostituzzjonali miftuħa mill-attriċi tal-lum (u fejn f'dawk il-proċeduri ma kienx qajjem l-eċċezzjoni li huwa ma messux kien fil-kawża) ma huwiex determinanti biex jinstab min imissu jwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża. Il-kumpens li l-attriċi tippretendi li titħallas bis-saħħa ta' din il-kawża tal-lum m'huwiex passibbli għalih personalment l-imħarrek Avukat Ġenerali, iżda l-awtorita' pubblika kif debitament rappreżentata mill-imħarrek l-ieħor il-Kummissarju tal-Artijiet;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tgħid ukoll li eċċezzjoni bħal din imressqa mill-istess imħarrek Avukat Ġenerali fil-qafas tal-kawżi li kien hemm bejn l-istess partijiet tal-kawża tal-lum u dwar l-istess proprjeta' kienet instabet li hija tajba[14];

"Illi għalhekk, l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' u l-imħarrek Avukat Ġenerali sejjer jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi**, din tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-imħarrkin jgħidu li kienet l-attriċi nnifisha li qabblet id-danni minnha mġarrbin fil-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha mad-delitt kif mifhum taħt il-Kodiċi Ċivili, liema danni l-liġi nnifisha tgħid li jridu jitfittxu fi żmien sentejn minn dak inhar li ġġarrbu. Huma mbagħad jgħaddu għal rassenja ġurisprudenzjali u dottrinali dwar l-elementi tad-danni akwiljani u b'hekk jgħidu li kull pretensjoni attriċi li tmur lura lil hinn minn Marzu tal-1994 ma jmisshiex tintlaqa';

"Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi tisħaq li dik l-eċċezzjoni ma jmisshiex tintlaqa'. Hija torbot is-sottomissjonijiet tagħha l-

[14] Ara, per eżempju, P.A. RCP **18.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq et vs L-Avukat Ġenerali et*** u Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***

aktar mal-kwestjoni taż-żmien li fih hija mexxiet 'il quddiem il-pretensjonijiet tagħha u minn meta kienet tista' tagħmel dan. Qalet ukoll li l-preskrizzjoni msemmija mill-imħarrkin ma tgħoddx għal ċirkostanzi bħal dawk li taħthom hija qiegħda titlob li tingħata l-kumpens mistħoqq lilha;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Fl-ewwel lok, l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-pretensjoni ta' jedd ta' kumpens dovut għal żamma bla jedd jew okkupazzjoni bla titolu tajjeb ta' proprjeta' tal-attriċi. Ladarba dan huwa l-każ, l-attriċi tgħid sewwa li l-preskrizzjoni msemmija mill-imħarrkin ma tgħoddx għal qagħda bħal dik, li għaliha jgħodd żmien preskrittiv ieħor[15]. Fit-tieni lok, għall-finijiet tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-jedd tal-attriċi biex titlob il-ħlas tal-kumpens għall-okkupazzjoni ta' ħwejjiġha tnissel bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali definita fit-8 ta' Jannar, 2007, u li biha sabet (jew aħjar, ikkonfermat b'mod definittiv dak li kienet sabet il-Qorti tal-Ewwel Istanza f'Jannar tal-1999) li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ma kenitx tiswa u ħalliet impreġudikata t-talba tal-attriċi dwar il-"ħlas dovut lilha għall-okkupazzjoni u użu minn terzi tal-proprjeta' in kwistjoni fuq il-medda ta' żmien". Fit-tielet lok, il-Qorti hija tal-fehma li l-jedd ta' kumpens favur l-attriċi, jekk tassew jeżisti, jrid jitqies "*quid unum*", fis-sens li jekk minħabba l-ksur tal-jedd fundamentali mġarrab minnha hemm lok ta' kumpens, dan jgħodd għaż-żmien kollu li matulu l-jedd fundamentali kien qiegħed jinkiser u mhux sewwa li jingħad li jkun hemm kumpens għal żmien imma ma jkunx hemm kumpens għal żmien eqdem li fih ukoll kien qiegħed iseħħ dak il-ksur ravviżat mill-Qrati kompetenti. Fir-raba' lok, l-attriċi ma ħallietx żmien jgħaddi bejn l-għoti ta' dik is-sentenza u l-ftuħ tal-kawża tal-lum b'mod li l-pretensjoni tagħha jista' jingħad li waqgħet. Dan jingħad ukoll minbarra l-fatt li, fil-15 ta' Jannar, 2007, l-attriċi interpellat lill-imħarrkin b'att ġudizzjarju biex jersqu għall-ħlas ta' kumpens dovut lilha[16]

---

[15] Ara P.A. GV **29.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Helen Schembri et vs Anthony George Żahra et*** (*in parte*)

[16] Dok "E", f'paġ. 65 tal-proċess

u l-kawża fetħitha ħdax-il (11) xahar biss wara dik l-interpellazzjoni;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, din l-eċċezzjoni preliminari ma tirriżultax mistħoqqa u m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi jifdal li titqies l-**eċċezzjoni preliminari dwar l-improponibilita' tal-kawża minħabba li t-talba hija vaga**. L-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni ma tgħidx ċar x'inhuma d-danni li l-attriċi tippretendi li soffriet u għalhekk jonqos element meħtieġ għas-siwi tal-azzjoni. Madankollu, ma jidhirx li l-imħarrkin taw wisq każ ta' din l-eċċezzjoni, għaliex ma jagħmlu l-ebda riferenza għaliha fin-Nota ta' Sottomissjonjiet tagħhom;

"Illi l-attriċi wkoll ma ssemmi xejn dwar din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tagħha;

"Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Jibda biex jingħad li s-siwi ta' att ġudizzjarju jitqies mhux biss fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi dwar x'għandu jkun fih att bħal dak, iżda wkoll mill-kontenut tiegħu. Lanqas ma huwa sewwa li jingħad li s-siwi ta' azzjoni jiddependi biss minn kif inhuma magħmula t-talbiet, bla ma wieħed jara wkoll il-premessi li jwasslu għal dawk l-istess talbiet. Issa jekk wieħed jifli sewwa r-Rikors promotur tal-attriċi, għandu jsib imfisser sewwa x'inhi l-pretensjoni tal-istess attriċi dwar il-ħsara mġarrba minnha. Minbarra sensiela ta' premessi miżgħuda b'tagħrif preċiż u artikolat, hemm żewġ premessi partikolari (premessi 17 u 18 tar-Rikors Maħluf) li juru sewwa ħafna x'inhuma l-pretensjonijiet tal-attriċi f'dan ir-rigward. Minbarra dan, hemm ukoll dokument partikolari (Dok "Ġ")[17] li saħansitra jikkwantifika l-pretensjoni attriċi. Din il-Qorti ssib ukoll li tant kienet ċara l-pretensjoni attriċi, li l-imħarrkin kienu f'qagħda li jagħmlu sottomissjonijiet dwarha saħansitra fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom meta ittrattaw dwar in-natura tal-pretensjonijiet attriċi. Dan ma kienx ikun possibbli li kieku l-pretensjoni kienet tassew waħda vaga. Fuq kollox, l-imħarrkin ma wrew bl-ebda mod kif huma ġew

[17] Paġġ. 89 – 90 tal-proċess

preġudikati mid-difiża xierqa tal-każ tagħhom minħabba l-mod kif kien imfassal l-att promotur tal-kawża;

"Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma tista' titqies tajba u l-att promotur li bih l-attriċi fetħet din il-kawża ma jista' bl-ebda mod jitqies null jew bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 156 u 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-mertu tat-talbiet attriċi** jkun xieraq li jingħad li, sitt xhur wara li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha dwar is-siwi tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur[18] (u għalhekk qabel ma nfetħet din il-kawża), l-attriċi ressqet talba quddiem il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg taħt l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dik it-talba kienet dwar allegat ksur tal-jeddijiet tal-attriċi taħt l-artikolu 6 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dik it-talba nqatgħet b'sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' April, 2011[19] li sabet li l-attriċi ġarrbet ksur tal-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll, iżda mhux ukoll tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u ħalliet għal aktar 'il quddiem, jekk ikun il-każ, il-kwestjoni ta' r-rimedju xieraq taħt l-artikolu 41 senjatament dwar il-kumpens xieraq għat-telf pekunjarju li hija ġarrbet minħabba l-imsemmi ksur ta' jeddijiet tagħha;

"Illi minkejja li, għal xi żmien wara l-għoti ta' dik is-sentenza, il-partijiet għarrfu lil din il-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jaslu f'arranġament dwar dan, jidher li l-ftehim bonarju bejniethom baqa' ma ntlaħaqx;

"Illi l-qofol tal-azzjoni attriċi huwa dak li tingħata kumpens fi flus dwar iż-żamma min-naħa tal-imħarrkin (jew ta' terzi bil-kunsens tagħhom) tal-post mertu tal-każ sa minn dak inhar li nħarġet id-Dikjarazzjoni tat-teħid fil-Gazzetta tal-Gvern fi Frar tal-1958 sa dak inhar li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha fit-8 ta' Jannar, 2007. L-attriċi tgħid li l-bażi ta' din it-talba tagħha hija l-fatt li d-Dikjarazzjoni nstab li ma kenitx tiswa għal-għan li għalih inħarġet u li

[18] Rik. Kost 537/99
[19] Applik. Nru. 26771/07 fl-ismijiet ***Gera de Petri Testafferrata Bonici Ghaxaq vs Malta***

b'hekk kienet imħassra b'seħħ sa minn dak inhar li nħarġet. L-attriċi tkompli targumenta li, ladarba dik id-Dikjarazzjoni ma kenitx tiswa, dan ifisser li ż-żmien kollu li l-post kien milqut mill-effetti tal-istess Dikjarazzjoni jissarraf fi żmien fejn hi u l-awturi tagħha kienu mċaħħda mit-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Ta' dan kollu u sa dak inhar li hija terġa' tingħata lura t-tgawdija ta' ħwejjiġha, tippretendi kumpens[20]. F'din il-kawża, it-talba tagħha hija limitata sas-7 ta' Jannar, 2007. Iżda hija żammet riżerva għal kull azzjoni spettanti lilha għall-ħlas ta' kumpens għal kull żmien wara dik id-data sakemm il-post jerġa' jiġi lura f'idejha. Marbuta ma' din il-pretensjoni, l-attriċi tippretendi wkoll kumpens li jirrifletti t-tbatija u s-sofferenzi li soffriet hi u l-awturi tagħha fit-titolu minħabba l-aġir illegali tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom[21];

"Illi huwa aċċettat li min jokkupa jew iżomm għandu ġid ta' ħaddieħor bla jedd jew bla titolu tajjeb, irid jagħmel tajjeb għad-danni li jġib b'għamilu[22]. Id-danni li jistgħu jinkwadraw ruħhom taħt din il-kawżali huma dawk imnissla bil-fatt waħdu tal-okkupazzjoni tal-fond li bdiet minn dak inhar tal-ħruġ tad-Dikjarazzjoni. Fil-każ tal-lum, l-attriċi illimitat it-talba tagħha sa Jannar tal-2007, u l-Qorti trid tqis l-istess talba biss għal tul iż-żmien mitlub mill-attriċi. Huwa minnu li sid li jitlob kumpens għaż-żmien li ġid tiegħu kien baqa' miżmum minn ħaddieħor mingħajr jedd ġeneralment jitlob kumpens li jista' jitqabbel mal-kera li sata' jirċievi kieku l-post kien effettivament mikri[23]. Iżda dan m'huwiex il-kriterju waħdieni[24]. F'qasam bħal dan, irid ikun hemm "rabta reali" mal-ammont ta' kumpens mistħoqq;

"Illi l-attriċi tgħid li, hekk kif inħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, l-awtur tagħha tilef it-tgawdija tal-post u l-pussess għadda minn dak il-ħin f'idejn il-Gvern. Għalhekk, ma kien ta' l-ebda siwi li l-istess awtur tagħha jibqa' jmexxi 'l quddiem xi talbiet li setgħu kienu għadhom

---

[20] Par 17 tal-premessi tar-Rikors Maħluf promotur

[21] Par 18 tal-premessi tar-Rikors Maħluf promotur

[22] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Markiża Agnese Gera de' Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et*** (mhix appellata)

[23] P.A. TM **28.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galea et vs Raymond Falzon et***

[24] P.A. AJM **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri et vs Joseph Bellizzi***

pendenti mal-Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Ġwerra, ladarba l-istess awtur tagħha kien tilef il-pussess tal-post. Il-kumpens li kien tħallas (bejn l-1947 u l-1950) kien sewa għal dawk il-partijiet tal-post (il-ħwienet mikrija lil terzi) li l-awtur tal-attriċi ma kienx igawdi direttament il-pussess tagħhom u dwar il-ħsara li saret fihom, filwaqt li dwar il-ħsara mġarrba mill-post innifsu (il-Palazz), is-sid ma gawda l-ebda kumpens. Lanqas ma kien jagħmel sens li l-awtur tal-attriċi jidħol f'nefqiet biex isewwi l-post jew jirrestawrah, ladarba l-pussess u l-użu kien f'idejn il-Gvern u s-sid ma kienx aktar f'qagħda li jagħmel xogħol fil-post. Il-Qorti ssib li dan l-argument tal-attriċi għandu mis-sewwa għaliex jinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 12(1) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-effett tad-Dikjarazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-istess Att fuq il-ġid li jkun intlaqat minn dikjarazzjoni bħal dik, ukoll fil-każ fejn it-teħid ikun b'titolu ta' pussess u użu għal żmien determinat[25]. Bis-saħħa tal-imsemmi artikolu 12, il-pussess jgħaddi għand il-Gvern b'seħħ minn erbatax-il (14) jum wara l-ħruġ tad-Dikjarazzjoni;

"Illi l-attriċi ssemmi wkoll l-argument imressaq mill-imħarrkin li, f'kull każ, wara li nħarġet id-Dikjarazzjoni, il-Gvern nefaq somom kbar biex tejjeb il-bini u biex neħħa minn ġo fih lill-kerrejja kollha li kien hemm fiż-żmien li ttieħed il-pussess. Hija tgħid li dik in-nefqa kienet saret biex issewwi l-ħsarat li l-bini kien ġarrab fil-gwerra u li, kieku ma kienx għad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, is-sid kien ikun ukoll intitolat għalihom taħt l-Ordinanza tal-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra. Għalhekk, tisħaq li meta jitqies il-kumpens xieraq li jistħoqqilha tirċievi, il-post irid jitqies bħallikieku kien f'kundizzjoni tajba u bla ħsarat;

"Illi mbagħad, l-attriċi ddur għall-argument tal-imħarrkin dwar in-nefqiet sostanzjali li saru għat-titjib u t-trawwim tal-post minn meta dan għadda f'idejn il-*Manoel Theatre Management Committee* wara l-1996. Hija tgħid li, skond dikjarazzjoni magħmula minn wieħed mill-periti mqabbdin mill-Gvern[26], il-biċċa l-kbira minn dik in-nefqa kienet dwar benefikati ta' natura temporanja li l-ħajja tagħhom ma

[25] Ara art. 5 tal-Kap 88
[26] Dikjarazzjoni tal-A.I.Ċ. Carmel Cacopardo, Dok "MT4", f'paġġ. 381 – 2 tal-proċess

ddumx ma tgħaddi, fis-sens li ż-żieda fil-valur tal-bini li jagħmlu minnu tintemm fix-xejn wara medda ta' ftit snin. Hija ssemmi l-każ tat-tisqif tal-ħġieġ fuq il-bitħa li l-mutur tiegħu iġġammja, m'għadux jaħdem u jeħtieġ jinbidel[27]. L-imsemmija benefikati tqiesu li jammontaw biss għal wieħed minn kull ħamsa ($^1/_5$) tal-valur kollu tal-post. Hija żżid tgħid li, fuq kollox, kemm ilha sid tal-post hi (jiġifieri, sa minn Marzu tal-1990[28]), ippruvat iżżomm (ukoll bi proċeduri fil-qorti) milli jitħallew li jsiru dawk il-benefikati kontra r-rieda tagħha. Minbarra dan, in-nefqiet li saru gawdewhom dawk li qegħdin jagħmlu użu mill-post bla ebda jedd, ma jiswewlha xejn jekk u meta terġa' tieħu l-post lura (semmiet it-tagħmir tal-kċina tar-ristorant *Fumia*, li hija m'għandha l-ebda ħsieb li tuża jekk il-post jiġi lura għandha) u, f'kull każ, ma humiex nefqiet li jżidu l-valur tal-bini. Tgħid, għalhekk, li meta jitqies il-kumpens li jixriqilha tirċievi, m'għandhiex titgħabba b'xi tnaqqis maħluq minn valur ta' xogħlijiet li hija ma riditx li jsiru fi ħwejjiġha, minbarra li, sa ma jseħħilha tieħu lura l-pussess effettiv tal-post, jista' jkun li l-imsemmija benefikati ma jkunux għadhom jaħdmu;

"Illi l-imħarrkin jisħqu li l-attriċi ma tistax tingħata dak li qiegħda tippretendi. Huma jgħidu li l-għan li għalih il-Gvern kien ħa l-post kien wieħed leġittimu u tassew fl-interess pubbliku, u għalhekk l-attriċi ma tgħidx sewwa meta tallega li t-teħid kien illegali. Huma jżidu jgħidu li lanqas il-Qorti Kostituzzjonali ma sabet ksur tal-jeddijiet tal-attriċi fuq il-bażi ta' teħid mingħajr raġuni tajba, iżda biss li b'dak it-teħid is-sidien tal-post kienu qegħdin iġorru "piż sproporzjonat" meta mqabbel mal-użu li kien qed isir tal-imsemmi post u li tali ksur beda jseħħ biss minn Jannar tal-2007, jiġifieri mill-għoti tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti Kostituzzjonali. L-imħarrkin jgħidu wkoll li lanqas ma huwa minnu li l-perizji kemm "*ex parte*" mressqin minn kull naħa u kif dik imressqa mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti jippuntaw għall-istess ġustifikazzjoni tal-pretensjonijiet attriċi;

[27] Xhieda tal-A.I.Ċ. Godwin Abela 23.6.2011, f'paġ. 416 tal-proċess
[28] Ara Dok "B", f'paġġ. 32 – 6 tal-proċess

"Illi l-imħarrkin iżidu jgħidu li ladarba l-Gvern ħa l-post b'titolu tajjeb ta' pussess u użu u l-ebda qorti ma sabet li dak it-teħid kien illegali, isegwi li l-attriċi ma tistax tippretendi li tingħata b'kumpens il-valur lokatizju tal-post fuq is-suq. Minbarra dan, ma jixraqx li jingħata valur lokatizju bi kriterji kummerċjali meta l-post kien (fiż-żmien li ttieħed mill-Gvern) jintuża prinċipalment għal skopijiet residenzjali u, fuq kollox, kien wieħed minn dawk il-postijiet li l-kera tiegħu kienet "kontrollata". Għalhekk, huma jikkontestaw ukoll l-istima maħruġa mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti bħala waħda "mhijiex realistika" u jsaħħu dan billi juru li l-perit ta stimi għal żminijiet li m'humiex mitluba lanqas mill-attriċi;

"Illi mbagħad, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, iressqu l-kalkolu tagħhom ta' kemm huwa l-ogħla kumpens mistħoqq lill-attriċi;

"Illi bla ma din il-Qorti terġa' tidħol f'mertu li ngħalaq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali (biex ma jingħadx li għadda wkoll mill-għarbiel tal-Qorti ta' Strasbourg), jidhrilha li dak li huwa rilevanti għall-każ li għandha quddiemha llum hu li, tajjeb jew ħażin, id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur dwar it-teħid ta' *Palazzo Bonici* b'titolu ta' pussess u użu fl-1958 tqieset li kienet nulla u mingħajr effett. L-ebda waħda mill-Qrati ma għamlet preċiżazzjoni li t-tħassir tad-Dikjarazzjoni kien qed isir b'seħħ minn xi data partikolari jew biss minn dak inhar tal-għoti tas-sentenza. Il-fehma ta' din il-Qorti għalhekk hi li, ladarba wieħed qiegħed jitkellem dwar ħaġa "nulla u mingħajr effett", dan irid jitfisser (u suġġett għall-kwalifika li sejra ssir aktar 'il quddiem) b'effett retroattiv *ex tunc.* Il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sedi Kostituzzjonali) (liema parti dispożittiva kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali) tgħid ċar li kienet qiegħda "*tiddikjara li l-Esproprjazzjoni li seħħet bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur pubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar, 1958, bħala nulla u bla effett*". Għalhekk, huwa ż-żmien rilevanti li matulu l-attriċi (u l-awturi tagħha fit-titolu) kienet imċaħħda mit-tgawdija tal-ġid li jrid jitqies għall-finijiet tal-kumpens minnha pretiż.

F’dan ir-rigward, il-Qorti ma ssibx li tista’ toqgħod għal kollox fuq is-sottomissjonijiet tal-imħarrkin;

“Illi l-imħarrkin jisħqu fuq il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali (u l-Prim’Awla fil-kompetenza kostituzzjonali qabilha) sabet favur l-attriċi taħt id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni. Huma jgħidu li ladarba l-Konvenzjoni ma kenitx għadha fis-seħħ f’Malta dak inhar li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur kienet pubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern, ma jkunx sewwa li l-attriċi tingħata kumpens bis-saħħa ta’ artikolu tal-Konvenzjoni għal żmien qabel ma dak l-imsemmi artikolu kien jagħmel parti mil-liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti tqis li l-argument tal-imħarrkin huwa tajjeb. Jekk kien minħabba l-ksur tal-artikoli tal-Konvenzjoni li l-attriċi ngħatat raġun għall-ilmenti tagħha, ir-rimedju li jistħoqqilha tingħata jixraq li jintrabat maż-żmien meta dawk id-dispożizzjonijiet kienu jagħmlu parti mil-liġi ta’ Malta. F’dan ir-rigward, jidher li jixraq li l-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Strasbourg fil-kawża fuq l-istess mertu, li fiha daħlet fuq dan il-punt tat-tħaddim retroattiv tal-Konvenzjoni f’Malta. “*The Court observes that in the absence of an express limitation, the Maltese declaration of 30 April 1987 is retrospective and the Court is therefore competent to examine facts which occurred between 1967*[29] *the date of ratification and 1987*[30] *the date on which the State’s declaration under former Article 25 became effective. ... Thus, the Court can only take into consideration the period which has elapsed since the Convention entered into force in respect of Malta (1967)...*”[31];

“Illi fid-dawl ta’ din il-konsiderazzjoni, l-Qorti tqis li l-attriċi tista’ tippretendi l-ħlas ta’ kumpens b’seħħ minn Jannar tal-1967 ’il quddiem;

“Illi huwa stabilit li f’kull kawża tal-għamla mressqa mill-attriċi, il-kwestjoni tal-kumpens trid tintrabat ma’ għamil li jnissel il-jedd ta’ kumpens bħal dak. Fi kliem ieħor, jaqa’ fuq l-attriċi l-piż li turi li t-teħid tal-post kien il-konsegwenza

---

[29] 23.1.1967, il-jum meta l-Parlament Malti irratifika l-Konvenzjoni
[30] 30.4.1987, il-jum li fih il-Gvern Malti għaraf il-jedd li bniedem jista’ jressaq talba quddiem il-Q.E.D.B.
[31] Q.E.D.B. **5.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Malta*** (Applik. Nru. 26771/07) § 38

tal-ħsara li hija (u wkoll l-awturi tagħha qabilha) ġarrbet u li hemm rabta kawżali bejn il-fatt wieħed u l-konsegwenza msemmija. Minbarra dan, irid jintwera wkoll (minn min jallega) li tassew iġġarrab telf u li dan huwa ta' għamla li l-liġi tipprovdi kumpens għalih. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif issemma qabel, parti mill-kumpens li l-attriċi tgħid li jmissha tingħata jrid jieħu qies tas-sofferenza u t-tbatija li hija u l-awturi tagħha fit-titolu ġarrbu tul l-għexieren ta' snin li ġidhom kien ittieħed mill-kontroll tagħhom;

"Illi l-liġi tagħna tgħid x'inhuma l-irjus ta' ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għalihom minħabba għamil li jnissel danni[32]. Għalissa, fil-qasam tal-likwidazzjoni tad-danni, ma jingħatax fil-liġi tagħna kumpens għal tbatija u sofferenza[33];

"Illi wieħed tajjeb li jżomm quddiem għajnejh li, fil-każ tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza mogħtija minnha fit-8 ta' Jannar, 2007, fil-kawża miftuħa mill-attriċi kontra l-imħarrkin, kienet sabet li l-attriċi (rikorrenti f'dawk il-proċeduri) kienet ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Dik il-Qorti ma kenitx ikkonfermat li l-attriċi kienet ġarrbet ukoll ksur tal-jeddijiet tagħha taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Madankollu, il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg sabet li l-attriċi ġarrbet ukoll ksur ta' jedd kif imħares taħt l-artikolu 6 msemmi. Minkejja dan, l-azzjoni li din il-Qorti għandha quddiemha llum tinbena fuq dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali u din il-Qorti hija marbuta tqis biss dwar dak li huwa mitlub u mhux fuq ħwejjeġ oħrajn;

"Illi l-Qorti tqis li jixraq li – minkejja li l-każ li għandha quddiemha huwa wieħed li jitlob rimedju "ordinarju" u mhux azzjoni ta' natura kostituzzjonali – tirreferi għal awtriċi awtorevoli f'dan il-qasam li tikteb li "*In cases of interference with property rights a distinction is drawn between cases of lawful and unlawful deprivations or*

---

[32] Art. 1045 tal-Kap 16
[33] Ara, per eżempju, P.A. GC **9.2.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Brincat vs Keith Deguara*** u Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John B. Spiteri vs Michael Calleja*** (mhux appellati)

*dispossession. Where the breach results from inaqequate compensation or procedural flaws, less than a full measure of compensation may be called for, particularly where the taking of property is linked to fundamental changes in the constitution or pursues economic reform or social justice. In such cases, the (Strasbourg) Court may consider it appropriate to fix a sum 'reasonably related' to the value of the property and which would have been found acceptable had the State compensated the applicants, or otherwise find an appropriate, equitable basis for compensation. Where, however, there is 'manifest unlawfulness' in the deprivation or dispossession, full restitution of losses is awarded*"[34];

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti hija tal-fehma li jkun tajjeb ukoll issemmi li, f'ittra li r-Reġistratur tar-Raba' Taqsima tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem bagħat lid-difensuri tal-attriċi f'Lulju tal-2011[35], huwa għamilha ċara li "*just satisfaction should relate to the amount of rent for the period during which the owners were deprived of the possession and use of their property, that is until 2007*";

"Illi l-attriċi ssemmi xi deċiżjonijiet mogħtijin minn dik il-Qorti (ta' Strasbourg) biex issaħħaħ il-pretensjonijiet tagħha. Hija tqis ukoll li din il-Qorti jixraq li toqgħod fuq il-likwidazzjoni magħmula mill-Perit Tekniku mqabbad minnha, liema likwidazzjoni tqarrab għal dik magħmula mill-perit imqabbad *ex parte* mill-attriċi;

"Illi fid-dawl ta' dik il-każistika u bis-saħħa tal-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku maħtur minn din il-Qorti[36], l-attriċi tippretendi ħlas ta' kumpens ta' sitt miljun sitt mija u disgħa u tletin elf tliet mija u tlieta u ħamsin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€ 6,639,353.67)[37] flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-8 ta' Jannar, 2007. Dik is-somma tgħodd fiha kemm il-valur lokatizju tal-post mill-1958 sal-2007, u kif ukoll l-imgħax miġmugħ sena b'sena fuq dak il-valur. Min-naħa

---

[34] K. Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2007) §III-004 f'paġ. 606
[35] Dok "X", f'paġ. 459 tal-proċess
[36] Ara paġ. 402 tal-proċess
[37] Ara "*Statement A*", f'paġ. 454 tal-proċess

tagħhom, l-imħarrkin jaslu għal komputazzjoni li tlaħħaq is-somma ta’ mija u ħamsa u disgħin elf erba’ mija u ħamsa u sebgħin ewro wieħed u ħamsin ċenteżmi (€ 195,475.51)[38];

“Illi dwar il-każijiet li ssemmi l-attriċi, il-Qorti tqis li ma jistgħux jintefgħu fl-istess keffa tal-każ li għandha quddiemha. Tajjeb li jingħad li dawn jitkellmu dwar teħid *de facto* ta’ proprjeta’ (“*constructive expropriation*”) b’mod irriversibbli u l-ammont ta’ kumpens riparativ li jingħata f’każijiet bħal dawk ma jistax jixxebbaħ ma’ dak li jingħata fil-każ ta’ ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fejn ksur bħal dak ikun bażat fuq in-nuqqas ta’ proporzjonalita’[39]. Minbarra dan, fil-każ tal-lum, il-ġid tal-attriċi ma jistax jingħad li tteħdilha darba għal dejjem, u kemm hu hekk hija stess tgħid li tistenna li l-post jintradd lura lilha, kif wara kollox ordnat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-8 ta’ Jannar, 2007. Għal dak li jirrigwarda l-kriterji li l-attriċi tistieden lill-Qorti timxi magħhom dwar il-kumpens mistħoqq, din il-Qorti sejra tagħmel konsiderazzjonijiet f’waqthom aktar ’il quddiem;

“Illi l-perit tekniku mqabbad minn din il-Qorti wasal għall-fehma li l-valur lokatizju tal-post tul il-medda kollha ta’ żmien bejn l-1958 u l-2007 titla’ għal tliet miljun sitt mija u sittin elf erba’ mija u disgħa u tletin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€ 3,660,439.45), wara li qies l-ambjenti kollha mertu tal-każ (minbarra l-ambjenti okkupati minn ħwienet fil-livell tat-triq), a bażi tal-użu li qiegħed isir mill-ambjenti llum, a bażi tal-istat tal-post kif inhu llum, kemm iġib kera l-post illum f’suq ħieles (“mhux se jittieħdu in konsiderazzjonijiet il-liġijiet u restrizzjonijiet imposti mill-liġijiet tal-kera l-qodma”), ir-rati komparabbli għal użu simili fl-istess żona jew fi nħawi fil-qrib tal-post, fi proprjeta’ meqjusa bħala libera u franka, u wkoll wara li qies il-fehmiet murija mill-periti kollha *ex parte* fir-rapporti rispettivi tagħhom;
“Illi l-imħarrkin eskutew lill-perit tekniku b’mod serrat u tennew il-kritika tagħhom kemm għall-konsiderazzjonijiet

[38] Ara Dokti “AGR1” u “AGR2”, f’paġġ. 538 sa 540 tal-proċess (fis-sewwa, jekk wieħed kellu jgħodd iż-żewġ prospetti, s-somma titla’ għal € 218,703.99)
[39] Q.E.D.B. **6.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Scordino vs Italja (Nru 3)*** (Applik. Nru. 43662/98) § 30

meħuda fil-bini tar-rapport u kif ukoll ta' wħud mit-tweġibiet li l-istess ta meta tressaq b'xhud tagħhom b'eskussjoni[40]. Ewlenija, fil-kritika tagħhom kienu l-fatt li l-perit sejjes l-istima tal-valur lokatizju tiegħu fuq kemm kien jinkera l-post fl-2011 u mexa lura fuq dik is-somma, u kif ukoll fuq il-fatt li ma ħa l-ebda konsiderazzjoni taż-żidiet li saru fil-post u n-nefqiet li l-Gvern għamel biex saru t-tiswijiet u t-titjib li l-istess perit tekniku qies għall-finijiet tal-valur lokatizju stabilit. Jilmintaw ukoll mill-fatt li l-istess perit tekniku "qata' għad-dritt" u ma qiesx li, tul biċċa sewwa miż-żmien rilevanti, il-kera li sata' jintalab għall-post jew xi parti minnu kien regolat bil-liġi. Il-Qorti tqis li parti minn din il-kritika tal-imħarrkin hija tajba. Mad-daqqa t'għajn jidher li ma kien hemm xejn fid-degriet tal-ħatra mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' April, 2011, li kienet torbot lill-perit maħtur biex jikkunsidra l-valur lokatizju biss fl-istat attwali tal-post, kif seħaq aktar minn darba waqt l-eskussjoni. Lanqas ma kellu xi direttiva li jwarrab ċirkostanzi rejali u fattwali oħrajn li kienu, fiż-żmien rilevanti, determinanti biex wieħed jistabilixxi l-istess valur lokatizju. Wieħed ma jridx jinsa li, kif ingħad qabel, il-kumpens li jistħoqqilha l-attriċi jrid jinbena fuq "rabta reali" tad-danni mġarrba;

"Illi l-Qorti jidhrilha li fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel se' jkun xieraq u meħtieġ li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi taġġusta s-sejbiet tal-perit minnha maħtur. F'dan ir-rigward, hija sejra tqis medda ta' żmien b'seħħ mill-1967; sejra wkoll tqis li, sal-1995, il-post ma kienx meħlus minn regolamentazzjoni dwar kemm seta' jintalab kera għalih ukoll kieku kien f'idejn l-attriċi; u sejra tqis id-danni mitluba biss mill-ottika ta' kumpens ghall-okkupazzjoni, u mhux bħala xi riżarċiment għal danni fiżiċi u materjali fil-fond. Minħabba li l-ambjenti li l-perit tekniku ikkalkola fuqhom il-valur lokatizju kienu dawk l-ambjenti li ma jinkludux il-ħwienet tal-livell tat-triq (jiġifieri l-parti tal-post li kienet id-dar tar-residenza tal-awtur tal-attriċi), ma jidhirx li huwa xieraq li jiġi kalkolat il-valur lokatizju kummerċjali tal-fond. Sa ma ttieħed bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1958, il-post kien minn

[40] Ara wkoll Dok "X", f'paġ. 462 tal-proċess

dejjem adibit bħala wieħed residenzjali. U għalhekk wieħed ma jistax jibbaża fuq l-ipoteżi tal-kummerċjalita' tal-fond. Kif ingħad f'sentenza ta' kawża li tqarreb ħafna għal din tal-lum, "*kwalsiasi argoment fis-sens illi kieku l-attriċi rreprendiet il-fond fl-1991 hi setgħet tisfruttah b'mod kummerċjali u aktar vantaġġjuż ekonomikament tibqa' biss ipotesi li ma hiex rispekkjata u sostenuta minn ebda prova. Il-materja trid tiġi nkwadrata u riżolta fil-konkret u mhux fuq mera ipotesijiet*"[41];

"Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija, u wara li ħadet qies ta' kriterji meħuda wkoll mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem f'każ li jixbah lil dan tal-lum[42], il-Qorti sejra tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taħt żewġ fażijiet: (i) l-ewwel fażi, bejn Jannar tal-1967 u Ġunju tal-1995 u (ii) bejn Ġunju tal-1995 sa Jannar tal-2007. Għal tul l-ewwel fażi, u wara li jittieħed qies taż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni, sejra tqis il-valur lokatizju fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf erba' mija u tmienja u tmenin ewro (€ 25,488)[43]. Għal tul it-tieni fażi, sejra tqis il-valur lokatizju fis-somma ta' miljun mitejn u tmienja u ħamsin elf u mitt ewro (€ 1,258,100)[44]. Għalhekk, b'kollox il-kumpens likwidat favur l-attriċi jitla' għal miljun mitejn u tlieta u tmenin elf u ħames mija u tmienja u tmenin ewro (€ 1,283,588);

"Illi **dwar il-kwestjoni tal-imgħaxjiet** l-attriċi tgħid li dawn iridu jakkumulaw mal-ammont tal-kumpens lilha mistħoqq sa minn dak inhar li kieku hija (jew l-awturi tagħha fit-titolu) kienu jkunu jistgħu jdaħħlu l-kera tal-post li kieku baqa' f'idejhom. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li ladarba l-attriċi qatt ma illikwidat il-pretensjonijiet tagħha u ressqet din il-kawża sewwasew biex tkun il-Qorti li tillikwida l-kumpens pretiż minnha, mela bi tħaddim tar-regola li *in illiquidis non fit mora*, ma jistax jgħaddi mgħax favur l-attriċi jekk mhux mill-waqt tal-effettiva likwidazzjoni;

---

[41] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Markiza Agnese Gera de Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et***

[42] Q.E.D.B. **17.7.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri Soler & Camilleri vs Malta*** (Applik. Nru. 35349/05) §§ 18 – 9

[43] Ara fol 538 – 9 tal-proċess

[44] (€ 130,284 + € 88,516) / 2 = € 109,400 x 11.5 = € 1,258,100

"Illi l-Qorti bilkemm għandha għalfejn tgħid li l-massima msemmija mill-imħarrkin hija r-regola, iżda huwa wkoll magħruf li dik il-massima m'hijiex xi regola assoluta[45] u tippermetti eċċezzjonijiet. Kemm hu hekk, qorti tista' tinjoraha meta b'dan il-mod ikun qiegħed jingħata vantaġġ lill-parti debitriċi li jkun bi ħtija tagħha li l-likwidazzjoni ma tkunx setgħet issir qabel[46]. Fil-każ tal-lum, madankollu, il-Qorti ma tarax kif jista' jingħad li t-tkarkir fil-proċess tal-likwidazzjoni kien bi ħtija tal-imħarrkin. Il-fatt li huma ikkontestaw l-azzjonijiet tal-attriċi ma jissarrafx f'imġiba li titfa' fuqhom il-ħtija tad-dewmien mhux ġustifikat, bħalma kien ikun il-każ kieku stqarrew ir-responsabbilta' u mbagħad tnikkru biex ftiehmu dwar l-ammont dovut;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li kull imgħax fuq is-somma hawn fuq likwidata jibda jgħaddi b'seħħ millum;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:
"tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu 2012, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn giet likwidata l-hsara fl-ammont ta' miljun mitejn u tlieta u tmenin elf u hames mija u tmienja u tmenin ewro (€1,283.588) u fejn l-esponent gie kkundannat ihallas l-ammont imsemmi bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata u bl-ispejjez u billi minflok tnaqqas l-imsemmi ammont kif hawn fuq indikat mill-appellant, tikkonferma l-kumplament tal-imsemmija sentenza u dan in vista tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata stante l-entita` esagerata tal-pretensjonijiet maghmula minnha sa mill-prezentata ta' din il-kawza."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

---

[45] P.A. GV **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Ltd vs Paolo Bonnici Ltd.***
[46] Ara Giorgi _Delle Obbligazioni_; u wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)

"… … … tirriforma l-precitata sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Marzu, 2012 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi: (a) tikkonferma in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, (b) tirrevokaha in kwantu laqghet l-eccezzjoni li l-avukat generali fis-sens li mhux il-legittimu kuntradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju; (c) tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talbiet attrici u (d) tirriformaha in kwantu llikwidat l-ammont dovut lill-attrici bhala danni fis-somma ta' €1,283,588 u minflok tillikwida l-istess danni f'somma ikbar li joghgobha tillikwida dina l-istess Onorabbli Qorti fid-dawl tal-aggravji mressqa han fuq u (e) tordna lill-intimati jhallsu dan l-ammont akbar hekk likwidat lir-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-istess citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv."

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-appell tal-imsemmi konvenut huwa manifestament infondat u ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg.
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi din hi kawza ghall-hlas ta' kumpens, bhala danni ghall-okkupazzjoni tal-fond maghruf bhala 'Palazzo Bonici' fi Triq it-Tejatru kantuniera ma' Triq l-iFran, il-Belt Valletta, proprjeta` tal-attrici. Id-danni qed jintalbu ghaz-zmien mill-1958 sal-2007, u dan peress li Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta mahruga fil-25 ta' Frar, 1958, li biha l-Gvern akkwista l-imsemmi fond b'titolu ta' pussess u uzu, giet

dikjarata nulla, bhala leziva tad-drittijiet fondamentali tal-attrici, b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 2007. Reassunt aktar dettaljata tal-fatti jinsabu delineati fl-ewwel parti tas-sentenza appellata, riprodotta bhala parti ta' din is-sentenza.

L-ewwel Qorti inotat li l-attrici fethet proceduri ohra ta' natura kostituzzjonali ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni li hija sofriet minhabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha. B'din il-procedura l-attrici qed titlob kumpens ghall-okkupazzjoni, u mhux bhala xi rizarciment ghal danni materjali fil-fond. L-ewwel Qorti qalet ukoll li taht il-ligi taghna ma jinghatax kumpens ghal tbatija u sofferenza.
L-ewwl Qorti, fis-sentenza taghha, illikwidat kumpens, bhala danni ghall-okkupazzjoni, fis-somma ta' €1,283,588, bl-imghax mid-data tas-sentenza. Fis-sentenza taghha ddecidiet ukoll li tillimita l-kumpens minn Jannar tal-1967 'il quddiem, li l-konvenut Avukat Generali ma hux legittimu kontradittur, u cahdet ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevati mill-konvenuti.

Sa fejn fis-sentenza appellata giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma tressaq ebda appell minn ebda naha.

Appellaw minn partijiet ohra tas-sentenza iz-zewg partijiet: it-tnejn appellaw mid-decide fuq il-*quantum* tad-danni kif likwidat mill-ewwel Qorti, bil-konvenut jitlob tnaqqis u l-attrici awment fis-somma; l-attrici appellat ukoll mil-liberazzjoni tal-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, mic-cahda ta' ghoti ta' kumpens ghall-perjodu mill-1958 sal 1967, u mid-decizjoni tal-imghax li, titlob, ghandu jidekorri mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat u mhux mid-data tas-sentenza.

Trattat l-ewwel l-aggravju marbut mal-prezenza tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri, din il-Qorti tara li dan mhux misthoqq. Meta tqis li din ma hijiex kawza marbuta mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-kawza tista' timxi, u hekk kellha ssir, fil-konfront biss tal-Kummissarju tal-

Artijiet, li hu l-kap tad-dipartiment tal-gvern li hu nkarigat fil-materja in kwistjoni. Veru li t-tehid ta' pussess sar f'isem l-istat Malti, pero`, id-dipartiment inkarigat jipprocessa u jesegwixxi l-ordni kien id-Dipartiment tal-Artijiet, u hija, skont il-ligi, kontra l-kap ta' dak id-dipartiment li kellha ssir il-kawza.

Ghar-rigward tal-aggravji l-ohra, li kollha, ftit jew wisq, jolqtu l-meritu tal-*quantum* tal-kumpens, din il-Qorti terga' tenfasizza li din il-kawza hi wahda civili intiza ghall-hlas ta' danni minhabba okkupazzjoni u uzu illegali tal-fond mill-konvenut. Id-danni, fil-kamp civili, mhux biss irid ikollhom rabta reali mal-agir tal-konvenut, fis-sens li jrid ikun hemm rabta ta' kawza u effett bejn l-att u d-danni, izda, inoltre, id-danni jridu jigu ppruvati. Fil-kawza **Vella v. Cilia**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Gunju, 2006, gie osservat

"… … … illi huwa principju pacifikament recevut f'materja ta' danni illi 'biex ikun hemm lok ghar-responsabbilita` tad-danni, hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti."

Aktar rilevanti, fil-kuntest ta' talba ghad-danni ghall-okkupazzjoni, huwa l-kumment li ghamlet din il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Zahra noe.**, deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, fis-sens li gej:

"Fit-tieni lok, ghalkemm l-atturi gabu prova teknika tal-valur lokatizzju tal-fond ghas-snin mill-2000 sal-2004, ma ressqu ebda prova ta' telf ta' kirjiet tul iz-zmien inkwistjoni. Ma kienx bizzejjed ghall-atturi li juru kemm kien il-valur lokatizzju tal-fond fiz-zminijiet rilevanti, izda kellhom juru wkoll li effettivament tilfu kirjiet minhabba l-agir tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ma tistax tispekula u tghid illi li ma kienx ghal agir tas-socjeta` konvenuta, l-atturi kienu zgur jikru l-fond ghaz-zmien kollu rilevanti u dan zgur bil-kera li stabilixxa l-perit tekniku. Kien obbligu tal-atturi li jrssqu din il-prova, izda naqsu li jaghmluha, u ghlahekk, *imputet sibi.*"

Issa f'dan il-kaz, ma ngabitx prova tat-telf reali li garrbet l-attrici, u, ghalkemm saret prova (permezz ta' stima) dwar il-valur lokatizzju tal-fond, l-atttrici ma ressqitx prova ta' kemm, tul is-snin, kien hemm min kien lest ihallas dak il-valur, u lanqas li effettivament tilfet kirjiet b'dik il-kera. Mhux skuza li wara dan iz-zmien kollu, ma jkunx facli li wiehed igib prova reali tal-posizzjoni mis-sittinijiet 'l hawn, ghax kienet l-attrici li hadet zmien twil biex tikkontesta t-tehid ta' pussess mill-Gvern; talba ghal ksur ta' jeddijiet fundamentali infethet mill-attrici fl-1996, u dan meta rimedju taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja kien zgur possibbli minn April tal-1987. Kien obbligu tal-attrici li tipprova li hi, jew l-awturi taghha, setghet tikri l-fond bil-valuri indikati. Stima taghti valur ideali, izda mhux wiehed reali, ghax hemm diversi fatturi li jistghu ma jwasslux lil dak li jkun li jinnegozja l-proprjeta` tieghu kif jixtieq jew skont stimi teknici. Fil-kaz tal-fond in kwistjoni, cirkostanzi bhal problemi ta' access u parkegg fil-Belt Valletta, jaffettwaw zgur il-valur tieghu, izda ma jidhirx li ttiehdu in konsiderazzjoni fl-istimi li nghataw.

Hemm punt iehor li l-ewwel Qorti semmiet izda li jidher li ma kkunsidratx. Ghalkemm il-pussess formali ttiehed mill-Gvern fl-1958, kien biss fl-1972 li dahal fil-post wara ordni ta' sgass mill-awtoritajiet kompetenti. Bejn l-1958 u l-1972, is-sid ghamel minn kollox biex izomm pussess tal-fond u jcahhad lill-awtoritajiet mill-uzu li riedu jaghmlu tal-post. Kif jista' s-sid, allura, jitlob kumpens ghall-okkupazzjoni minn terz, meta ghall-erbatax-il sena shah kien hu li zamm il-pussess materjali tal-fond? Mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-awturi tal-attrici ma riedux icedu l-pussess materjali tal-fond, li baqa' ghal zmien twil a disposizzjoni personali taghhom.

Hemm zewg fatturi ohra li din il-Qorti tara li jridu jigu kkonsidrati. L-ewwel Qorti qieset il-fond bhala wiehed residenzjali, u dehrilha li ma kellhiex tibbaza fuq l-ipotesi ta' kummercjalita` tal-fond. Hu veru li wara l-ahhar gwerra dinjija, kieku s-sid ha lura f'idejh il-fond fi stat mhux imgarraf , hu seta' jikrieh ghan-negozju, b'mod li jkun jista' jiftiehem fuq kera skont ma jipprovdi s-suq, pero` hawnhekk qed nergghu naqghu fil-kamp ta' ipotezijiet, u l-

materja trid tigi nkwadrata u rizolta fil-konkret u mhux fuq mera ipotesijiet.

It-tieni fattur jolqot il-benefikati li saru mill-Gvern fil-fond. Jirrizulta li hafna mix-xoghol li sar kien temporanju jew ghall-uzu partikolari li ma jservix biex jemiljora l-fond ghall-gwadan tal-attrici. Il-perit Cacopardo, pero`, xehed li filwaqt li l-fond ghandu valur ta’ Lm1.5 miljun, jekk wiehed jeskludi l-valur tal-benefikati permanenti, il-valur jinzel ghal Lm1.2 miljun. Kwindi, is-sid sejra dgawdi xi haga mill-benefikati li saru mill-Gvern fil-fond.

Fil-kuntest taz-zmien rilevanti, u cioe`, jekk il-kalkolu ta’ kumpens ghandux jibda minn Jannar 1967, kif qalet l-ewwel Qorti, jew mill-1958, kif tissottometti l-attrici, apparti l-konsiderazzjonijiet aktar qabel maghmula, din il-Qorti tara li l-illegalita` tal-espropju giet dikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali taht id-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kif osservat l-ewwel Qorti, taht din il-Konvenzjoni, ma jistax isir stharrig fuq dak li sehh qabel l-1967. Kwindi, il-pussess formali (imma mhux fattwali) li kellu l-Gvern mill-1958 sal-1967 ma setax jigi mistharreg. Ma jistax jinghad allura, illi ghal dan il-perjodu saret xi haga illegali mill-Gvern. Il-kaz gie investigat mill-Qorti, peress li dak li sehh fl-1958 kellu konsegwenzi li baqghu jitkaxxkru sal-2007, pero`, ghall-perjodu precedenti l-1967, il-provedimenti tal-istess Konvenzjoni ma kienux japplikaw.

Ghall-bqija tara li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni z-zieda fir-rata tal-inflazzjoni, kontrarjament ghal dak li ssottomettiet l-attrici, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-kalkoli li wzat l-ewwel Qorti. Mehud pero`, in konsiderazzjoni l-fatturi aktar qabel imsemmija, tqis li ghandha, *arbitrio boni viri*, tnaqqas il-kumpens likwidat bin-nofs, u cioe`, ghal €641,794.

Ghar-rigward tal-imghaxijiet, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-posizzjoni legali u gurisprudenzjali in materja. Meta tqis, pero`, li l-konvenut ma ddepozitax taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma li, skont hu, l-attrici kienet intitolata ghaliha, tordna li l-imghax

jibqa' dekorribbli mid-data tal-ewwel sentenza, u mhux mid-data ta' din is-sentenza ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi miz-zewg appelli, billi fl-ewwel lok tichad l-appell tal-attrici Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, u fit-tieni lok, billi tilqa' in parte l-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, billi tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, fis-sens li tikkonfermaha kollha hlief fejn illikwidat kumpens fis-somma ta' €1,283,588 u kkundannat lill-konvenut ihallas din is-somma, u minflok tillikwida kumpens fis-somma ta' €641,794, u tikkundanna lill-Kummissarju tal-Artijiet ihallas din is-somma, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata (cioe`, 29 ta' Marzu, 2012) sal-pagament effettiv.
Dwar l-ispejjez tal-kawza, dawk marbuta mal-konvenut Avukat Generali jithallsu mill-attrici, dawk marbuta mad-decizjoni preliminari tal-10 ta' Gunju, 2010, jithallsu mill-konvenuti kif ordnat l-istess Qorti, fil-waqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------